MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Dicembru, 2012

Numru. 495/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**SPETTIR JESMOND J. BORG**

**VS**

**GERALD CAUCHI**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gerald Cauchi, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 261765M.

## Akkuzat talli:

F'Dicembru, 2012, u fis-sentejn ta` qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-

istess dispozzizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'hinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroijna specifikata fl-ewwel skeda ta` l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta` persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta` Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G. N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta` Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta` awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta` l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolament ta` l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Ipproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkolhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digrieti tal-Qorti li bihom inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li jirrinkaza ruhu fil-hinijiet ta` bil-lejl, li ghandu jinforma lill-prosekutur u/jew lill-Qorti bil-bdil fl-indirizz fejn jirrisjedi u li ma jaghmilx reat ta` natura volontarja matul il-helsien mill-arrest;

4. U aktar talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta` mitt metru mill-parametru ta` skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzati jew huma propjeta` taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tippprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi propjeta` mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija, tordna lill-imputati sabiex ihallsu lir-registratur, ta` l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;
Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat il-Fedina Penali tal-imsemmija imputat;

Wara li dina l-Qorti rat il- G. N. 292/1939 kif amendata u l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 u precizament l-Artikolu 8 (b), 22 (2) tal-istess Kapitolu u 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat ghad-ditazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni u wara li rrispettat xi zmien sabiex din l-ammissjoni tigi rikonsiderata;

Wara li dina l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Li l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ma thalli l-ebda alternattiva ohra ghal din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat;

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni is-sussegwenti u cioe`:

1. Il-fedina penali tal-imputat;
2. L-ammissjoni bikrija tieghu;
3. Id-dipendenza tieghu fuq id-droga;

4. Ir-rieda tieghu li jfieq minn dan il-vizzju;

temmen illi piena ezekuttiva hija necessarja sabiex l-imputat jitqieghed taht programm ta` riabilitazzjoni solverjata sabiex jinghata l-opportunita` ta` fejqan.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti waqt illi ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` erbgha u hamsin (54) xahar kif ukoll ghal hlas ta` multa ta` erba` t`elef ewro (€4,000) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) snin mil-llum.

Il-Qorti qed tirrakkomanda attivament sabiex id-Direttur tal-Habs jikkonsidra li jpoggi lil dan l-imputat taht programm solverjat mill-*Forensic Ward*, sabiex huwa jfieq minn dan il-vizzju tieghu. Il-Qorti giet infurmata mill-Prosekuzzjoni li ma kienx hemm spejjez involuti f’dan il-kaz.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------